Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0073(COD)

18.7.2025

EMENDI
24 - 143

Abbozz ta' rapport
Liesbet Sommen
(PE774.423v01.00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar

Proposta għal regolament
(COM(2025)0140 – C10-0060/2025 – 2025/0073(COD))

Emenda 24
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja kompetizzjoni dejjem aktar inugwali minn pajjiżi terzi, minħabba l-fatt li dawn il-pajjiżi ma jikkonformawx mad-drittijiet tal-ħaddiema jew mar-regolamenti dwar is-sikurezza u l-ambjent bl-istess mod bħal fl-UE. Għalhekk, il-kumpaniji tal-UE jeħtiġilhom ikunu appoġġati fil-ġlieda tagħhom kontra l-kompetizzjoni inġusta u l-ħaddiema jeħtiġilhom ikunu protetti mill-konsegwenzi negattivi tagħha.

Or. en

Emenda 25
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE ***trid*** tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija	(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE ***jeħtiġilha*** tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-

soċjali tas-suq unika tagħha, tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg.

ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg. ***Jekk proċess ta' ristrutturar jaffettwa lill-fornituri diretti u lill-utenti downstream ta' intrapriża, il-ħaddiema impjegati minnhom jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll għall-appoġġ tal-FEG, dment li l-impjegatur tagħhom jaqbel li jkopri l-kostijiet relatati. Jenħtieġ li l-fornituri u lill-utenti downstream juru li hemm rabta kawżali mal-proċess ta' ristrutturar inizjali.***

Or. en

Emenda 26
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku ***u ta' darba*** biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE trid tiżgura l-	(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra ***xierqa*** kemm jista' jkun malajr ***u jipprovdilhom assistenza finanzjarja***. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid

prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg.

f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE ***jeħtiġilha*** tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, ***tissalvagwardja u tippromwovi d-drittijiet tal-ħaddiema u n-negozjar kollettiv, toħloq impjiegi ta' kwalità,*** tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg.

Or. en

Emenda 27
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***L-irwol tal-FEG għadu*** importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE ***trid*** tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, ***tirnexxi fit-***	(6) ***Il-FEG għad għandu rwol*** importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE ***jeħtiġilha*** tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha,

tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati ***l-ħaddiema*** affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu ***fi*** rwol differenti**,** jew jibdlu l-impjieg.

tappoġġa lill-ħaddiema u lill-kumpaniji fl-iżgurar ta' tranżizzjoni doppja ***ġusta***, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali ***wkoll*** li jiġu appoġġati ***b'mod attiv il-ħaddiema*** affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu ***għal*** rwol differenti ***fl-istess intrapriża*** jew jibdlu l-impjieg.

Or. en

Emenda 28
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE ***trid*** tiżgura ***l-prosperità*** u l-kompetittività ***sostenibbli*** tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, ***tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u*** tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur	(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr ***u jiksbu taħriġ mill-ġdid jew titjib tal-ħiliet jekk meħtieġ***. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE ***jeħtiġilha*** tiżgura ***l-awtonomija, il-prosperità*** u l-kompetittività tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha***, u***

ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni ***doppja*** diġitali ***u ekoloġika*** tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg.	***tippreserva l-impjiegi fl-UE***. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni diġitali tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg.

Or. en

Emenda 29
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Huwa importanti li l-Kummissjoni timmonitorja x-xejriet fir-ristrutturar u l-impatt tiegħu fuq l-impjiegi, bl-użu ta' data minn għodod bħall-Monitoraġġ Ewropew tar-Ristrutturar, biex tiffaċilita miżuri b'appoġġ għar-ristrutturar u t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, u tikkunsidra li tenfasizza miżuri nazzjonali li jappoġġaw mod soċjalment responsabbli ta' ristrutturar fis-Semestru Ewropew.

Or. en

Emenda 30
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG	(7) Għalhekk jeħtieġ ***li*** jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG

ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjiegi*** f'intrapriżi ***li jkunu għaddejjin minn ristrutturar***. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***tħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.	ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** f'intrapriżi ***involuti f'sensji kollettivi***. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali***, li ma tkunx qed tuża l-finanzjament tal-FEG bħala mod biex tissostitwixxi miżuri li huma r-responsabbiltà tal-impjegaturi skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi, taqbel li twettaq pjan ta' tranżizzjoni komprensiv, u tkun rrispettat u se tkompli tirrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema u n-negozjar kollettiv***. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***iħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.
	Or. en

Emenda 31
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjiegi*** f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li ***l-intrapriża taqbel*** li ***tipprovdi*** l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli ***għall-intrapriża*** fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, ***l-intrapriża*** jenħtieġ li ***tqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***tħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u ***l-intrapriża*** jenħtieġ li ***taqsam*** l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.	(7) Għalhekk jeħtieġ ***li*** jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar ***kif ukoll il-forniturі u l-utenti downstream relatati magħhom, b'attenzjoni speċjali għall-ħaddiema tal-SMEs***. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. ***Meta diversi intrapriżi jiġu affettwati mill-istess proċess ta' ristrutturar, l-Istati Membri jistgħu jippermettu applikazzjoni konġunta.*** Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża ***waħda jew aktar***, dment li ***l-intrapriżi jaqblu*** li ***jipprovdu*** l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli ***għall-intrapriżi*** fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, ***l-intrapriżi*** jenħtieġ li ***jqiegħdu*** għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***iħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u ***l-intrapriżi*** jenħtieġ li ***jaqsmu*** l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.

Or. en

Emenda 32
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjiegi*** f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***tħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.	(7) Għalhekk jeħtieġ ***li*** jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar***, b'mod partikolari gruppi żvantaġġati bħall-ħaddiema akbar fl-età, persuni b'diżabbiltà u ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet***. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***iħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.

Or. en

Emenda 33
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ta' impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***tħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.	(7) Għalhekk jeħtieġ ***li*** jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar ***inklużi l-forniturі jew il-produtturi downstream tagħhom***. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien ***ġimgħa*** minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ***iħejji*** r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm ***u r-rappreżentanti tagħhom***.

Or. en

Emenda 34
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Peress li l-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti ta' impjieg għadhom f'impjieg attiv, jeħtieġ li jiġu pprovduti b'informazzjoni komprensiva matul il-proċess ta' ristrutturar, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 35
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Minħabba l-objettiv li jiġu appoġġati l-ħaddiema, il-pakketti mmirati li jappoġġaw lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi jridu jitfasslu b'mod li jeskludi kwalunkwe diskrezzjoni ta' Stat Membru dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà jew l-għażla tal-benefiċjarji. Jekk l-Istati Membri kellhom diskrezzjoni dwar l-użu tar-riżorsi tal-FEG, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla tal-intrapriżi li l-ħaddiema tagħhom jibbenefikaw minn programmi mmirati, ir-riżorsi tal-FEG jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat, u għalhekk ***għandhom ikunu*** soġġetti għar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat.	(8) Minħabba l-objettiv li jiġu appoġġati l-ħaddiema, il-pakketti mmirati li jappoġġaw lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi jridu jitfasslu b'mod li jeskludi kwalunkwe diskrezzjoni ta' Stat Membru dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà jew l-għażla tal-benefiċjarji. Jekk l-Istati Membri kellhom diskrezzjoni dwar l-użu tar-riżorsi tal-FEG, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla tal-intrapriżi li l-ħaddiema tagħhom jibbenefikaw minn programmi mmirati, ir-riżorsi tal-FEG jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat, u għalhekk ***jenħtieġ li jkunu*** soġġetti għar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. ***Madankollu, jenħtieġ li dan ma jipprekludix l-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet soċjali stretti fuq ir-riżorsi tal-FEG fil-livell Ewropew.***

Or. en

Emenda 36
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Kemm id-deċiżjoni tal-intrapriża li tissottometti applikazzjoni kif ukoll it-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati jenħtieġ li jsiru f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom u mas-sħab soċjali kif applikabbli sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni jiġu rispettati kif ukoll il-kwalità u r-rilevanza tal-miżuri.

Or. en

Emenda 37
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-rata ta' kofinanzjament għal tali miżuri mmirati lejn ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjiegi*** f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li tkun ugwali għar-rata ta' kofinanzjament għall-assistenza mill-FEG lill-ħaddiema ssensjati. L-intrapriżi li jitolbu appoġġ mill-FEG jenħtieġ li jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali.	(10) Ir-rata ta' kofinanzjament għal tali miżuri mmirati lejn ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li tkun ugwali għar-rata ta' kofinanzjament għall-assistenza mill-FEG lill-ħaddiema ssensjati. L-intrapriżi li jitolbu appoġġ mill-FEG jenħtieġ li jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali. ***Il-fornituri u l-utenti downstream involuti fl-applikazzjoni tal-FEG jenħtieġ li jipprovdu l-kofinanzjament għall-ħaddiema tagħhom stess.***

Or. en

Emenda 38
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Peress li l-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi jkunu għadhom f'impjieg attiv, jenħtieġ li jkunu eliġibbli biss dawk il-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jgħinuhom iġeddu jew itejbu l-ħiliet tagħhom, li jagħtu gwida jew mentoraġġ, inklużi miżuri mmirati lejn il-ħaddiema li jistgħu jipprevedu li xi darba jibdew in-negozju tagħhom stess. Għalhekk, la l-allowances u lanqas l-għotjiet tal-bidu ma jenħtieġ li jkunu eliġibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 39
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-FEG għandu jimxi lejn approċċ aktar preventiv billi jiffinanzja taħriġ bil-quddiem u taħriġ mill-ġdid li jippermetti l-mobbiltà transsettorjali tal-forza tax-xogħol. Jenħtieġ li jappoġġa lill-ħaddiema f'setturi vulnerabbli billi jiżviluppa ħiliet trasferibbli biex jiġu evitati s-sensji jew biex jippermetti tranżizzjonijiet bla xkiel lejn impjiegi ġodda, u b'hekk jitnaqqas il-kost soċjali tar-ristrutturar.

Or. en

Emenda 40
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li jkollhom raġunijiet raġonevoli għas-sensji imminenti ta' impjieg. L-impjegaturi jenħtieġ li jipprijoritizzaw l-investiment fil-forza tax-xogħol tagħhom fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jgħinu fit-taħriġ mill-ġdid jew fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol attwali tagħhom.

Or. en

Emenda 41
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg*** li jirċievu assistenza mill-FEG jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli anke jekk ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom tintemm. Jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli wkoll għal applikazzjonijiet ta' segwitu possibbli mill-Istati Membri rispettivi b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati mill-istess intrapriża.	(13) Il-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** li jirċievu assistenza mill-FEG jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli ***għal appoġġ kontinwu tal-FEG*** anke jekk ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom tintemm. Jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli wkoll għal applikazzjonijiet ta' segwitu possibbli mill-Istati Membri rispettivi b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati mill-istess intrapriża.

Or. en

Emenda 42
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg*** li jirċievu assistenza mill-FEG jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli anke jekk ir-relazzjoni ***tax-xogħol*** tagħhom tintemm. Jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli wkoll għal applikazzjonijiet ta' segwitu possibbli mill-Istati Membri rispettivi b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati mill-istess intrapriża.	(13) Il-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** li jirċievu assistenza mill-FEG jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli anke jekk ir-relazzjoni ***tal-impjieg*** tagħhom tintemm. Jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli wkoll għal applikazzjonijiet ta' segwitu possibbli mill-Istati Membri rispettivi b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati mill-istess intrapriża.

Or. en

Emenda 43
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Minħabba l-adozzjoni mhux uniformi tal-appoġġ tal-FEG mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħloq sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u tippromwovi l-użu tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri permezz ta' gwida teknika u bid-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki.

Or. en

Emenda 44
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Sabiex jiġi żgurat li mhux biss il-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti tal-impjiegi iżda wkoll il-ħaddiema li diġà ngħataw is-sensja jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-FEG, jenħtieġ li parti mill-baġit tal-FEG tiġi allokata għall-appoġġ tagħhom.

Or. en

Emenda 45
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Fid-dawl tal-baġit annwali limitat u l-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-FEG, minimu ta' 40 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG għandu jkun riżervat għall-applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-waqfien tal-attività ta' ħaddiema ssensjati jew persuni li jaħdmu għal rashom kif stabbilit fl-Artikolu 4(2), il-punti (a), (b) u (c).

Or. en

Emenda 46
Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Proposta għal regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13c) Minħabba l-baġit limitat tal-FEG

u l-objettiv li jiġu appoġġati ħaddiema f'reġjuni differenti u minn intrapriżi differenti, jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-fond ikunu limitati għal 750 ħaddiem affettwati minn sensja imminenti tal-impjieg għal kull intrapriża.

Or. en

Emenda 47
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Minħabba li qabel il-FEG intuża b'mod konsistenti minn xi Stati Membri filwaqt li rarament intuża, jew ma ntuża qatt, minn oħrajn, l-Istati Membri li qabel użawh b'mod limitat għandhom jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni pubblika biex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-FEG, speċjalment immirati lejn l-SMEs, is-sottokuntratturi, l-awtoritajiet lokali u r-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri permezz ta' gwida teknika u bid-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki.

Or. en

Emenda 48
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Minħabba li qabel il-FEG intuża b'mod konsistenti minn xi Stati Membri

filwaqt li rarament intuża, jew ma ntuża qatt, minn oħrajn, l-Istati Membri li qabel użawh b'mod limitat għandhom jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni pubblika biex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-FEG, speċjalment immirati lejn l-SMEs, is-sottokuntratturi, l-awtoritajiet lokali u r-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri permezz ta' gwida teknika u bid-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki.

Or. en

Emenda 49
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Minħabba li xi Stati Membru użaw il-FEG intuża b'mod frekwenti, filwaqt li oħrajn rarament jużawh, jew ma jużawh qatt, l-isforzi ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri jenħtieġ li jiżdiedu sabiex tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar il-FEG, b'mod partikolari fil-kuntest tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti tal-impjiegi.

Or. en

Emenda 50
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex jingħata appoġġ aktar malajr lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jew ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u sabiex dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw mis-solidarjetà tal-Unjoni fil-kuntest attwali ta' tfixkil ekonomiku u bidliet rapidi, hemm bżonn li jiġi aċċellerat l-appoġġ mogħti lill-ħaddiema. ***Wieħed mill-modi kif isir dan huwa billi l-Kummissjoni tintalab titlob lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jimmobilizzaw l-ammont annwali massimu sħiħ fil-bidu ta' kull sena, jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi. Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni jenħtieġ li tindika li ġew issodisfati ċ-ċirkostanzi li wasslu lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li l-kundizzjonijiet ħalli tintalab mobilizzazzjoni sħiħa tal-ammont annwali massimu. Il-proposta tal-Kummissjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fl-aħħar ta' kull sena. Il-proposta jenħtieġ li tinkludi l-għadd ta' applikazzjonijiet potenzjali minn kull Stat Membru kkonċernat, is-setturi ta' attivitajiet ikkonċernati, l-għadd stmat ta' intrapriżi li jistgħu jitolbu lill-Istati Membri japplikaw għal appoġġ mill-FEG, u l-għadd stmat ta' ħaddiema f'riskju ta' spostament imminenti ta' impjiegi jew li ġew issensjati. L-identità tal-intrapriżi kkonċernati jenħtieġ li ma tiġix żvelata jekk l-informazzjoni tkun għadha mhix magħrufa pubblikament.***	(15) Sabiex jingħata appoġġ aktar malajr lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jew ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u sabiex dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw mis-solidarjetà tal-Unjoni fil-kuntest attwali ta' tfixkil ekonomiku u bidliet rapidi, hemm bżonn li jiġi aċċellerat l-appoġġ mogħti lill-ħaddiema. ***Jenħtieġ li dan l-għan jintlaħaq billi jiġu ssimplifikati l-proċessi u l-iskedi ta' żmien eżistenti. Fl-istess ħin, huwa vitali li jenħtieġ li l-Parlament Ewropew, bħala korp demokratiku u rappreżentattiv elett tal-Unjoni Ewropea u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali bħala l-korp b'għarfien espert u kompetenza dwar il-kwistjonijiet sostantivi tal-FEG, ikomplu jkunu parti mill-proċess ta' approvazzjoni***.

Or. en

Emenda 51
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Ladarba l-mobilizzazzjoni sħiħa tal-ammont annwali massimu tiġi approvata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet ta' finanzjament dwar applikazzjonijiet individwali u jenħtieġ li tkun meħtieġa tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet. Jekk f'sena partikolari l-Kummissjoni ma tużax l-ammont annwali massimu mobilizzat kollu, dak l-ammont jiskadi fi tmiem is-sena finanzjarja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 52
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Ladarba l-mobilizzazzjoni*** sħiħa tal-ammont annwali massimu tiġi approvata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet ta' finanzjament dwar applikazzjonijiet individwali u jenħtieġ li tkun meħtieġa tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet. Jekk f'sena partikolari l-Kummissjoni ma tużax l-ammont annwali massimu mobilizzat kollu, dak l-ammont jiskadi fi tmiem is-sena finanzjarja.	(16) ***Jekk il-mobilizzazzjoni*** sħiħa tal-ammont annwali massimu tiġi approvata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet ta' finanzjament dwar applikazzjonijiet individwali u ***qabel kull deċiżjoni*** jenħtieġ li tkun meħtieġa tinforma ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunament tagħha għal valutazzjoni pożittiva f'konformità mal-Artikolu 8(6) jew l-Artikolu 8(a)(9) kif ukoll tinforma*** minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet. Jekk f'sena partikolari l-Kummissjoni ma tużax l-ammont annwali massimu mobilizzat kollu, dak l-ammont jiskadi fi tmiem is-sena finanzjarja. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevokaw deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni sħiħa tal-ammont***

annwali massimu għall-FEG fi kwalunkwe ħin. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-mobilizzazzjoni tal-FEG se terġa' lura fuq il-bażi ta' kull applikazzjoni riċevuta.

Or. en

Emenda 53
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-iskala u l-frekwenza tal-avvenimenti ta' ristrutturar reċenti wrew li l-baġit eżistenti tal-FEG mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet li dejjem qed jikbru. Għalhekk jenħtieġ li tiġi kkunsidrata żieda sinifikanti fil-baġit fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Bit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali meħtieġa u l-ħtieġa dejjem tikber li jiġu indirizzati l-faqar, it-telf tal-impjiegi u l-ammont eċċessiv ta' ħaddiema foqra Ewropej, il-FEG eżistenti mhux se jkun biżżejjed biex jgħin lill-ħaddiema u lin-negozji jaġġustaw u jindirizzaw il-ħtieġa li jiġu żgurati impjiegi deċenti għall-Ewropej. Jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-impatt indipendenti tal-FEG mill-2007, inkluża data dettaljata dwar l-applikazzjonijiet sottomessi, approvati, miċħuda, u b'diżaggregazzjonijiet skont l-Istati Membri, biex tingħata informazzjoni għal dan l-aġġustament.

Or. en

Emenda 54
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-iskala u l-frekwenza tal-avvenimenti ta' ristrutturar reċenti wrew li l-baġit eżistenti tal-FEG mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet li dejjem qed jikbru. Għalhekk jenħtieġ li tiġi kkunsidrata żieda sinifikanti fil-baġit fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-impatt indipendenti tal-FEG mill-2007, inkluża data dettaljata dwar l-applikazzjonijiet sottomessi, approvati, miċħuda, u b'diżaggregazzjonijiet skont l-Istati Membri, biex tingħata informazzjoni għal dan l-aġġustament.

Or. en

Emenda 55
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Minħabba l-iskala u l-frekwenza tal-avvenimenti ta' ristrutturar reċenti, hemm tħassib li l-baġit eżistenti tal-FEG mhux se jkun biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet li dejjem qed jikbru. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata żieda sinifikanti fil-baġit tal-FEG fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Or. en

Emenda 56
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi ***li jkunu għaddejjin minn ristrutturar.;***	2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn ***telf*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi ***involuti f'sensji kollettivi dment li l-obbligi sħaħ ta' informazzjoni, konsultazzjoni u waqfien skont id-Direttiva 98/59/KE jkunu ġew issodisfati qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-FEG***.

Or. en

Emenda 57
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar.;	2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar ***dment li l-obbligi sħaħ ta' informazzjoni, konsultazzjoni u waqfien skont id-Direttiva 98/59/KE jkunu ġew issodisfati qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-FEG***.;

Or. en

Emenda 58
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar.***;***	2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar ***dment li l-obbligi kollha ta' informazzjoni, konsultazzjoni u waqfien skont id-Direttiva 98/59/KE jkunu ġew issodisfati qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-FEG***.

Or. en

Emenda 59
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEG għandu jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni ***u*** tal-bidliet teknoloġiċi u ambjentali billi jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet biex jadattaw għall-bidla strutturali. Il-FEG għandu jikkostitwixxi fond ta' emerġenza. Bħala tali, il-FEG għandu	1. Il-FEG għandu jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni***,*** tal-bidliet teknoloġiċi u ambjentali***, u ta' nuqqasijiet ta' ġestjoni,*** billi jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet biex jadattaw għall-bidla strutturali. Il-FEG għandu jikkostitwixxi fond ta' emerġenza.

jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.	Bħala tali, il-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri. ***Il-FEG mhuwiex maħsub biex jissostitwixxi miżuri li huma r-responsabbiltà tal-impjegaturi skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.***
	Or. en

Emenda 60
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-objettivi tal-FEG huma li tintwera solidarjetà u jiġi promoss l-impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza f'każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinji, tilwim kummerċjali, tibdil sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, ***kif ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju,*** jew bħala konsegwenza tad-diġitizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-FEG għandu jappoġġa lill-benefiċjarji biex jerġgħu lura kemm jista' jkun malajr għal impjieg deċenti u sostenibbli. Għandu jsir enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-aktar gruppi żvantaġġati. Il-FEG għandu jappoġġa wkoll lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti jew ibiddlu	2. L-objettivi tal-FEG huma li tintwera solidarjetà u jiġi promoss l-impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza f'każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, b'mod partikolari ***l-kriżi klimatika u t-tranżizzjoni ġusta u ekoloġika meħtieġa,*** dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinji, tilwim kummerċjali, tibdil sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, jew bħala konsegwenza tad-diġitizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-FEG għandu jappoġġa lill-benefiċjarji biex jerġgħu lura kemm jista' jkun malajr għal impjieg deċenti u sostenibbli. Għandu jsir enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-aktar gruppi żvantaġġati. Il-FEG għandu jappoġġa wkoll lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti jew ibiddlu

l-impjiegi.;	l-impjiegi.;

Or. en

Emenda 61
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-objettivi tal-FEG huma li tintwera solidarjetà u jiġi promoss l-impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza f'każ ta' ***avvenimenti ta' ristrutturar kbar***, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinji, tilwim kummerċjali, tibdil sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-FEG għandu jappoġġa lill-benefiċjarji biex jerġgħu lura kemm jista' jkun malajr għal impjieg deċenti u sostenibbli. Għandu jsir enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-aktar gruppi żvantaġġati. Il-FEG għandu jappoġġa wkoll lill-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti jew ibiddlu l-impjiegi.;	2. L-objettivi tal-FEG huma li tintwera solidarjetà u jiġi promoss l-impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza f'każ ta' ***sensji fuq skala kbira***, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinji, tilwim kummerċjali, tibdil sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-FEG għandu jappoġġa lill-benefiċjarji biex jerġgħu lura kemm jista' jkun malajr għal impjieg deċenti u sostenibbli. Għandu jsir enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-aktar gruppi żvantaġġati. Il-FEG għandu jappoġġa wkoll lill-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti jew ibiddlu l-impjiegi.;

Or. en

Emenda 62
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 3 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1a) "ħaddiem affettwat minn spostament imminenti tal-impjieg" tfisser ħaddiem, irrispettivament mit-tip jew mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mistenni(ja) jintemm/tintemm permezz ta' sensja mid-data li fiha l-impjegatur jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar is-sensji kollettivi pproġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE;;	(1a) "ħaddiem affettwat minn ***sensja*** imminenti tal-impjieg" tfisser ħaddiem, irrispettivament mit-tip jew mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mistenni(ja) jintemm/tintemm permezz ta' sensja mid-data li fiha l-impjegatur jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti***, f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema,*** bil-miktub dwar is-sensji kollettivi pproġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE;

Or. en

Emenda 63
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 3 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1a) "ħaddiem affettwat minn ***spostament*** imminenti tal-impjieg" tfisser ħaddiem, irrispettivament mit-tip jew mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mistenni(ja) jintemm/tintemm permezz ta' sensja mid-data li fiha l-impjegatur jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar is-sensji kollettivi pproġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE;;	(1a) "ħaddiem affettwat minn ***sensja*** imminenti tal-impjieg" tfisser ħaddiem, irrispettivament mit-tip jew mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mistenni(ja) jintemm/tintemm permezz ta' sensja mid-data li fiha l-impjegatur***, f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema,*** jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar is-sensji kollettivi pproġettati f'konformità mal-

Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE;;

Or. en

Emenda 64
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 3 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1a) "ħaddiem affettwat minn ***spostament*** imminenti tal-impjieg" tfisser ħaddiem, irrispettivament mit-tip jew mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mistenni(ja) jintemm/tintemm permezz ta' sensja mid-data li fiha l-impjegatur jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar is-sensji kollettivi pproġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE;***;***	(1a) "ħaddiem affettwat minn ***sensja*** imminenti tal-impjieg" tfisser ħaddiem, irrispettivament mit-tip jew mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mistenni(ja) jintemm/tintemm permezz ta' sensja mid-data li fiha l-impjegatur jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti***, f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema,*** bil-miktub dwar is-sensji kollettivi pproġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE;

Or. en

Emenda 65
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "intrapriża li tkun għaddejja minn ***ristrutturazzjoni"*** tfisser intrapriża li tkun għaddejja minn proċess li jinvolvi sensji kollettivi kif imsemmi fid-Direttiva	(6) "intrapriża li tkun għaddejja minn ***ristrutturar"*** tfisser intrapriża li tkun għaddejja minn proċess li jinvolvi sensji kollettivi ***pproġettati u li tkun innotifikat lill-awtorità pubblika kompetenti bil-***

98/59/KE;	***miktub*** kif imsemmi fid-Direttiva 98/59/KE;

Or. en

Emenda 66
Sérgio Humberto

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 3 – paragrafu ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Fil-każ ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, se titqies il-kapaċità amministrattiva limitata u l-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ tekniku msaħħaħ għat-tħejjija tal-applikazzjoni.

Or. pt

Emenda 67
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg f'intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru.	(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi li jirriżultaw minn intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru***, inklużi l-ħaddiema affettwati impjegati mill-fornituri jew l-utenti downstream, jew tal-inqas 75 ħaddiem affettwati minn sensji imminenti tal-impjiegi fil-każ ta' SMEs***.

Or. en

Emenda 68
Sérgio Humberto

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg f'intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru.***";***	(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi li jirriżultaw minn intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru***, jew 100 ħaddiem f'reġjuni identifikati li għandhom densità tal-popolazzjoni baxxa jew qgħad strutturali għoli***.

Or. pt

Emenda 69
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg f'intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru**.**;	(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi li jirriżultaw minn intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru***, inkluż fejn dak ir-ristrutturar jaffettwa lill-forniturі jew lill-produtturi downstream tagħha***;

Or. en

Emenda 70
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) mill-inqas ***200*** ħaddiem affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg*** f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru.***"***;	(d) mill-inqas ***50*** ħaddiem affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru.;

Or. en

Emenda 71
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji totali mill-FEG b'rabta maċ-ċirkostanzi li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 4, il-paragrafu 2(d), għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 60 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli.

Or. en

Emenda 72
Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt bb (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji fir-rigward taċ-ċirkostanzi li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 4, il-paragrafu 2(d), għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 750 ħaddiem għal kull intrapriża.

Or. en

Emenda 73
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 6, paragrafu 1, punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg*** f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar. Il-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli anki f'każ ta' terminazzjoni reali tar-relazzjoni tax-xogħol. Dawk l-avvenimenti ta' ristrutturar biss għandhom ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE;	(c) ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar. Il-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli anki f'każ ta' terminazzjoni reali tar-relazzjoni tax-xogħol ***kif ukoll għall-appoġġ tal-FEG għall-ħaddiema ssensjati fil-każ ta' applikazzjonijiet ta' segwitu possibbli relatati mal-istess intrapriża***. Dawk l-avvenimenti ta' ristrutturar biss għandhom ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw ***u jiġu nnotifikati*** bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE;

Or. en

Emenda 74
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 6, paragrafu 1, punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg*** f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar. Il-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli anki f'każ ta' terminazzjoni reali tar-relazzjoni tax-xogħol. Dawk l-avvenimenti ta' ristrutturar biss għandhom ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE.;	(c) ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi*** f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar. Il-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli anki f'każ ta' terminazzjoni reali tar-relazzjoni tax-xogħol. Dawk l-avvenimenti ta' ristrutturar biss għandhom ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE. ***Massimu ta' 50 % jista' jintuża għal din il-kategorija ta' benefiċjarji."***

Or. en

Emenda 75
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti.;	1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti***, bi preferenza tingħata biex tgħin lill-ħaddiema jibqgħu fir-reġjun ta' oriġini tagħhom***.;

Or. en

Emenda 76
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti.;	1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti ***bi preferenza tingħata biex tgħin lill-ħaddiema jibqgħu fir-reġjun ta' oriġini tagħhom***.;

Or. en

Emenda 77
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari	1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari

dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti.;	dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti ***preferibbilment fl-istess reġjun***.;

Or. en

Emenda 78
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti.;	1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), ***jaġġornaw jew*** jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti.;

Or. en

Emenda 79
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b − parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, ***jiżdied il-punt li ġej***:	(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, ***jiżdiedu l-punti li ġejjin***:

Or. en

Emenda 80
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.”;	(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar ***ħiliet meħtieġa għal ekonomija sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi,*** it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar**.** ***Il-pakkett ikkoordinat għandu jitfassal f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom u mas-sħab soċjali, kif applikabbli***.”;

Or. en

Emenda 81
Villy Søvndal

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.";	(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. ***Is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti fid-definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet, fit-tfassil konġunt tal-kurrikuli tat-taħriġ, fil-validazzjoni tal-kwalità, u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' taħriġ.***";

Or. en

Emenda 82
Sérgio Humberto

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ	(c) Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ

u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.	u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, ***assistenza għar-rilokazzjoni ġeografika volontarja,*** assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

Or. pt

Emenda 83
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.";	(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni ***u attivitajiet ta' akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-impjegati***. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.";

Or. en

Emenda 84
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Jekk jinstab li l-fondi ntużaw ħażin, inkluż il-provvediment ta' miżuri appoġġati mill-FEG lil ħaddiema li mhumiex f'riskju ġenwin ta' sensja, jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-pjan ta' tranżizzjoni jew mal-għan ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jirkupraw tali fondi b'penali possibbli u jirritornawhom lill-baġit tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 85
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti fid-definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet, fit-tfassil konġunt tal-kurrikuli tat-taħriġ, fil-validazzjoni tal-kwalità, u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' taħriġ. Il-pakkett ikkoordinat jeħtieġ li jiġi approvat mir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-intrapriża.

Or. en

Emenda 86
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Meta jiġi stabbilit pakkett ikkoordinat, is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti bis-sħiħ, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-kurrikuli tat-taħriġ, u fir-rigward tal-monitoraġġ tal-kwalità u l-implimentazzjoni tat-taħriġ.

Or. en

Emenda 87
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt - cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) jiddaħħal il-punt li ġej:
	(6a) L-evalwazzjonijiet tal-użu tal-fondi għandhom isiru kull sitt xhur għad-durata li fiha l-miżuri jkunu fis-seħħ u mat-tlestija tagħhom. Jekk jinstab li l-fondi ntużaw ħażin, inkluż il-provvediment ta' miżuri appoġġati mill-FEG lil ħaddiema li mhumiex f'riskju ġenwin ta' sensja, jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-pjan ta' tranżizzjoni, l-Istati Membri għandhom jirkupraw tali fondi b'penali possibbli u jirritornawhom lill-baġit tal-Unjoni.

(b) Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa indikaturi komprensivi ta' monitoraġġ, inklużi: data kwantitattiva diżaggregata skont l-Istat Membru, is-settur, ir-reġjun, il-kategorija tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-età, il-pajjiż ta' oriġini, l-istatus ta' diżabbiltà, u l-ġeneru; valutazzjonijiet kwalitattivi tal-eżiti tat-taħriġ, ir-rati tal-impjieg mill-ġdid u l-iżviluppi fil-pagi; is-sodisfazzjon tas-sħab soċjali bil-parteċipazzjoni fil-governanza.

(c) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmi ta' awditjar u ta' żvelar ta' informazzjoni protetta biex tivverifika l-allokazzjoni xierqa tal-fondi u l-konformità mal-obbligi ta' eliġibbiltà, informazzjoni u konsultazzjoni."

Or. en

Emenda 88
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt - cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) L-użu tal-finanzjament tal-FEG għandu jiġi mmonitorjat bir-reqqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, abbażi ta' indikaturi ċari, inklużi l-karatteristiċi tal-parteċipanti, l-eżiti tat-taħriġ u r-rati ta' impjieg mill-ġdid. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmi ta' awditjar u ta' żvelar ta' informazzjoni protetta biex tivverifika u tappoġġa l-allokazzjoni xierqa tal-fondi u l-konformità mal-obbligi ta' eliġibbiltà u konsultazzjoni. L-Istati Membri għandhom jirkupraw kwalunkwe fond użat ħażin u jirritornawh lill-baġit tal-Unjoni.

Emenda 89
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) Jiddaħħal Artikolu 7a ġdid:
	"Artikolu 7a – Pjanijiet ta' tranżizzjoni
	(1) L-intrapriżi li japplikaw għall-appoġġ tal-FEG għandhom jissottomettu pjan ta' tranżizzjoni dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla, li jkopri orizzont li jħares 'il quddiem ta' mill-inqas ħames snin.
	(2) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni għandhom jantiċipaw:
	(a) l-obbligi legali applikabbli kollha tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi l-obbligi klimatiċi, diġitali, tal-enerġija u tax-xogħol;
	(b) previżjonijiet tal-impatt fuq l-impjiegi għall-ħaddiema impjegati direttament, sottokuntrattati, ta' aġenzija, tal-pjattaformi u fil-katina tal-provvista;
	(c) analiżi tal-ħtiġijiet tal-ħiliet (immappjar) għall-forza tax-xogħol affettwata;
	(d) valutazzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali;
	(e) miżuri ta' mitigazzjoni inklużi r-riallokazzjoni, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid, il-kondiviżjoni tal-impjiegi, il-pagamenti għas-sensji, u l-irtirar bikri;
	(f) valutazzjoni ta' kif il-pakkett ikkoordinat jappoġġa tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u ġusta;

(g) valutazzjoni tal-impatti abbażi tal-ġeneru tar-ristrutturar u l-pakkett ikkoordinat;

(h) pagamenti għas-sensji;

(i) pjanijiet ta' rtirar bikri.

(3) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni shiha mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Fejn ma teżisti l-ebda rappreżentanza formali, l-impjegaturi għandhom jikkonsultaw direttament mal-ħaddiema affettwati."

Or. en

Emenda 90
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jiddaħħal Artikolu 7a ġdid:
	Artikolu 7a – Pjanijiet ta' tranżizzjoni
	(1) L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar u li japplikaw għall-appoġġ tal-FEG għandhom jissottomettu pjan ta' tranżizzjoni dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla.
	(2) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni għandhom jinkludu:
	(a) l-obbligi legali applikabbli kollha tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi l-obbligi klimatiċi, diġitali, tal-enerġija u tax-xogħol;
	(b) previżjonijiet tal-impatt fuq l-impjiegi għall-ħaddiema impjegati direttament, sottokuntrattati, ta' aġenzija, tal-pjattaformi u fil-katina tal-provvista;

(c) analiżi tal-ħtiġijiet tal-ħiliet (immappjar) għall-forza tax-xogħol affettwata;

(d) valutazzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali;

(e) miżuri ta' mitigazzjoni inklużi r-riallokazzjoni, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid, il-kondiviżjoni tal-impjiegi u l-irtirar bikri.

(3) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Fejn ma teżisti l-ebda rappreżentanza formali tal-ħaddiema, l-impjegaturi għandhom jikkonsultaw direttament mal-ħaddiema affettwati.

Or. en

Emenda 91
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jiddaħħal Artikolu 7a ġdid:
	Artikolu 7a
	Pjanijiet ta' tranżizzjoni
	(1) L-intrapriżi li japplikaw għall-appoġġ tal-FEG għandhom jissottomettu pjan ta' tranżizzjoni dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla, li jkopri orizzont li jħares 'il quddiem ta' mill-inqas ħames snin.
	(2) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni għandhom jantiċipaw:
	(a) l-obbligi legali applikabbli kollha tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi l-obbligi

klimatiċi, diġitali, tal-enerġija u tax-xogħol;

(b) previżjonijiet tal-impatt fuq l-impjiegi għall-ħaddiema impjegati direttament, sottokuntrattati, ta' aġenzija, tal-pjattaformi u fil-katina tal-provvista;

(c) analiżi tal-ħtiġijiet tal-ħiliet (immappjar) għall-forza tax-xogħol affettwata;

(d) valutazzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali;

(e) miżuri ta' mitigazzjoni inklużi r-riallokazzjoni, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid, il-kondiviżjoni tal-impjiegi u l-irtirar bikri.

(3) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni sħiħa mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Fejn ma teżisti l-ebda rappreżentanza formali, l-impjegaturi għandhom jikkonsultaw direttament mal-ħaddiema affettwati.

Or. en

Emenda 92
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien ***30*** jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni.	Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien ***25*** jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 93
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8 paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru qabel dik l-iskadenza u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn 20 jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.	Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru qabel dik l-iskadenza ***filwaqt li tispjega r-raġunijiet għad-dewmien*** u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn 20 jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 94
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8 paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru qabel dik l-iskadenza u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn ***20*** jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.;	Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha ***tagħti dikjarazzjoni motivata biex*** tinforma lill-Istat Membru qabel dik l-iskadenza u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn ***15-il*** jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.;

Or. en

Emenda 95
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjonijiet għal assistenza mill-FEG lil ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ta' impjieg	Applikazzjonijiet għal assistenza mill-FEG lil ħaddiema affettwati minn ***telf*** imminenti ta' impjieg

Or. en

Emenda 96
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intrapriżi ***li jkunu għaddejjin minn ristrutturar*** jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c). Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.	1. L-intrapriżi ***involuti f'sensji fuq skala kbira*** jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c)***, u wara li jkunu kkonsultaw lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u jkunu kisbu l-appoġġ tagħhom bil-miktub***. Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati

f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.

Or. en

Emenda 97
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c). Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.	1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c)***, u wara li jkunu kkonsultaw lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u jkunu kisbu l-appoġġ tagħhom bil-miktub***. Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.

Or. en

Emenda 98
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c). Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ***ġimagħtejn*** mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.	1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c). Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ***tliet ġimgħat*** mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.

Or. en

Emenda 99
Sérgio Humberto

Proposta għal regolament
Artikolu 1.º – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn ***spostament*** imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-	1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn ***sensji*** imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-

Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c). Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ***ġimagħtejn*** mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.	Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c). Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ***erba' ġimgħat*** mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.

Or. pt

Emenda 100
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri kollha għandhom jiddeżinjaw Punt ta' Dħul Uniku li l-intrapriżi jistgħu jidderieġu lejh it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1, u jippubblikaw linji gwida u mudelli rilevanti. L-informazzjoni miġbura minn dawn il-mudelli għandha tkopri l-informazzjoni kollha meħtieġa għal applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fil-paragrafu ***ta'*** hawn taħt.	2. L-Istati Membri kollha għandhom jiddeżinjaw Punt ta' Dħul Uniku li l-intrapriżi jistgħu jidderieġu lejh it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1, u jippubblikaw linji gwida u mudelli ***standardizzati*** rilevanti. L-informazzjoni miġbura minn dawn il-mudelli għandha tkopri l-informazzjoni kollha meħtieġa għal applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fil-paragrafu ***10*** hawn taħt.

Or. en

Emenda 101
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-intrapriża, l-Istat	5. Fuq talba tal-intrapriża ***jew tar-***

Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.	***rappreżentanti tal-ħaddiema***, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 102
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-intrapriża, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.	5. Fuq talba tal-intrapriża ***jew tar-rappreżentanti tal-ħaddiema***, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 103
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-intrapriża, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.	5. Fuq talba tal-intrapriża ***jew tar-rappreżentanti tal-ħaddiema***, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 104
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-intrapriża, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.	5. Fuq talba tal-intrapriża ***jew tar-rappreżentant tal-ħaddiema***, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 105
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien ***15-il jum*** ta' xogħol mid-data tat-talba. Il-Kummissjoni għandha testendi dik l-iskadenza b'10 ijiem ta' xogħol fuq it-talba tal-Istat Membru applikant. Kwalunkwe talba għal estensjoni ta' din ix-xorta għandha tkun debitament motivata.	8. Meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien ***10 ijiem*** ta' xogħol mid-data tat-talba. Il-Kummissjoni għandha testendi dik l-iskadenza b'10 ijiem ta' xogħol fuq it-talba tal-Istat Membru applikant. Kwalunkwe talba għal estensjoni ta' din ix-xorta għandha tkun debitament motivata.

Or. en

Emenda 106
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 9 subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru applikant qabel dik l-iskadenza u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn 20 jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.	Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru applikant qabel dik l-iskadenza***, filwaqt li tispjega r-raġunijiet għad-dewmien*** u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn 20 jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 107
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 9 subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru applikant qabel dik l-iskadenza u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn ***20*** jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.	Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha ***tagħti dikjarazzjoni motivata biex*** tinforma lill-Istat Membru applikant qabel dik l-iskadenza u tistabbilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn ***15-il*** jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 108
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-identifikazzjoni ***tal-intrapriża kkonċernata***;	(a) l-identifikazzjoni ***tal-intrapriżi kkonċernati, inklużi l-forniturи u l-utenti downstream, fejn applikabbli***;

Or. en

Emenda 109
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 10 punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fejn applikabbli, l-identifikazzjoni tal-forniturи jew tal-produtturi downstream affettwati;

Or. en

Emenda 110
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 10 punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) valutazzjoni tal-għadd ta' ***impjiegi*** affettwati ***mill-issensjar*** f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c);	(b) valutazzjoni tal-għadd ta' ***ħaddiema*** affettwati ***minn sensji imminenti tal-impjiegi inklużi l-forniturи jew il-produtturi downstream,*** f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel

paragrafu, il-punt (c);

Or. en

Emenda 111
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a paragrafu 10 punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deskrizzjoni ***qasira*** tal-avvenimenti li wasslu ***għar-ristrutturar***;	(c) deskrizzjoni ***dettaljata*** tal-avvenimenti li wasslu ***għal sensji kollettivi***;

Or. en

Emenda 112
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8 – paragrafu 10 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) fejn applikabbli, ġustifikazzjoni mill-forniturі u mill-utenti downstream li tagħti dettalji dwar ir-rabtiet diretti u kawżali mal-proċess ta' ristrutturar kif ukoll il-punt sa fejn dawn jiġu affettwati;

Or. en

Emenda 113
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali jew mal-ftehimiet kollettivi tagħha li jirregolaw dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom;	(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali jew mal-ftehimiet kollettivi tagħha li jirregolaw dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom ***u l-involviment tagħhom fl-istabbiliment tal-pakkett ikkoordinat***;

Or. en

Emenda 114
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali ***jew mal-ftehimiet kollettivi tagħha li jirregolaw*** dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq***, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom***;	(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali ***tagħha b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59/KE u kwalunkwe ftehim kollettiv li jirregola*** dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq;

Or. en

Emenda 115
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali jew mal-ftehimiet kollettivi tagħha li jirregolaw dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira ***jew ir-rappreżentanti*** tagħhom;	(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali jew mal-ftehimiet kollettivi tagħha li jirregolaw dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira ***u r-rappreżentanti*** tagħhom;

Or. en

Emenda 116
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali fir-rigward tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni u t-tfassil tal-pakkett ikkoordinat kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif applikabbli;

Or. en

Emenda 117
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) spjegazzjoni tal-punt sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar ġew ikkunsidrati u fejn applikabbli kif il-pakkett ikkoordinat jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi oħra tal-Unjoni jew nazzjonali;

Or. en

Emenda 118
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) diżaggregazzjoni stmata tal-kompożizzjoni tal-benefiċjarji fil-mira skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv, użata fit-tfassil tal-pakkett ikkoordinat;	(e) diżaggregazzjoni stmata tal-kompożizzjoni tal-benefiċjarji fil-mira skont il-ġeneru, il-grupp ta' età***, il-pajjiż ta' oriġini, l-istatus tad-diżabbiltà,*** u l-livell edukattiv, użata fit-tfassil tal-pakkett ikkoordinat;

Or. en

Emenda 119
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt ka (ġdid) u kb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) il-konferma bil-miktub tar-rappreżentanti tal-ħaddiema rilevanti kollha preżenti fl-intrapriża li ġew ikkonsultati dwar dan il-proċess u li vvalidawh;
	(kb) il-pjan ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 7a (ġdid);

Or. en

Emenda 120
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) konferma bil-miktub tar-rappreżentanti tal-ħaddiema rilevanti tal-intrapriża, li tikkonferma li ġew ikkonsultati u involuti fil-proċess.

Or. en

Emenda 121
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) il-konferma bil-miktub tar-rappreżentanti tal-ħaddiema rilevanti kollha preżenti fl-intrapriża li ġew

	ikkonsultati dwar dan il-proċess u li vvalidawh.

Or. en

Emenda 122
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***Fl-Artikolu*** 11***, il-paragrafu 1*** huwa ***sostitwit b'dan li*** ġej:	(10) ***L-Artikolu*** 11 huwa ***emendat kif*** ġej:

Or. en

Emenda 123
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, perċentwal ta' mhux aktar minn 1,5 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG jista' jintuża għan-nefqa teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, kif ukoll ġbir ta' data, inkluż fir-rigward ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG bħala fond jew fil-każ ta' proġetti speċifiċi u miżuri oħrajn u ta' assistenza teknika. Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmazzjoni futuri u preċedenti.;	1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, perċentwal ta' mhux aktar minn 1,5 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG jista' jintuża għan-nefqa teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, kif ukoll ġbir ta' data, inkluż fir-rigward ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG bħala fond jew fil-każ ta' proġetti speċifiċi u miżuri oħrajn u ta' assistenza teknika. Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmazzjoni futuri u preċedenti. ***Għandu jkun disponibbli finanzjament speċifiku għall-Istati***

Membri li storikament ma applikawx jew rarament applikaw għall-FEG.";

Or. en

Emenda 124
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida lill-Istati Membri dwar l-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FEG kif ukoll outreach iddedikata lill-Istati Membri li storikament ma għamlux użu jew ftit għamlu użu tal-FEG. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara lis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali dwar l-użu tal-FEG. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-ħolqien ta' taskforces f'każijiet ta' tfixkil ekonomiku sever fi Stat Membru."

Or. en

Emenda 125
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8 jew l-Artikolu 8a, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, l-għadd ta' benefiċjarji speċifikati, il-miżuri proposti u l-istima tal-ispejjeż, il-Kummissjoni għandha tevalwa u tiddetermina l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk teżisti, li tista' ssir fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.	1. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8 jew l-Artikolu 8a, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, l-għadd ta' benefiċjarji speċifikati, il-miżuri proposti u l-istima tal-ispejjeż, il-Kummissjoni għandha tevalwa u tiddetermina l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk teżisti, li tista' ssir fil-limiti tar-riżorsi disponibbli. ***jiddaħħal il-paragrafu li ġej: "Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fil-qosor tal-adegwatezza tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni, il-proċess ta' konsultazzjoni u l-miżuri ta' taħriġ proposti."***

Or. en

Emenda 126
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fil-qosor tal-adegwatezza tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni, il-proċess ta' konsultazzjoni u l-miżuri ta' taħriġ proposti.

Or. en

Emenda 127
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 13 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Ir-rata ta' kofinanzjament għan-nefqa mġarrba mill-Istat Membru għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), relatata mal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 7***(6)***, għandha tkun ta' 100 %.	2a. Ir-rata ta' kofinanzjament għan-nefqa mġarrba mill-Istat Membru għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), relatata mal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 7, għandha tkun ta' 100 %.

Or. en

Emenda 128
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Fl-Artikolu 13, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2b. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni, il-proċess ta' konsultazzjoni u l-miżuri ta' taħriġ proposti."

Or. en

Emenda 129
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Fl-Artikolu 13, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"4a. Minimu ta' 40 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG għandu jkun riżervat għall-applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-waqfien tal-attività ta' ħaddiema ssensjati jew persuni li jaħdmu għal rashom kif stabbilit fl-Artikolu 4(2), il-punti (a), (b) u (c).";

Or. en

Emenda 130
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 15	
Proċedura baġitarja u implimentazzjoni	
"1. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tingħata malajr kemm jista' jkun lill-benefiċjarji eliġibbli, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-paragrafi 2 jew 3.	
2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-proposta tagħha għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta tkun irċeviet applikazzjoni waħda għall-appoġġ mill-FEG u tkun issodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	
a) Il-Kummissjoni tivvaluta, wara	

applikazzjoni jew informazzjoni li tasal mingħand l-Istati Membri, li waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4, il-paragrafi (2), (3) jew (4), hija ssodisfata;

b) Il-Kummissjoni hija infurmata dwar il-waqfien tal-attivitajiet li jwasslu għat-telf ta' impjiegi ta' aktar minn 1 000 ħaddiem;

c) Il-Kummissjoni hija infurmata dwar avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira bi spostament imminenti li jaffettwa aktar minn 1 000 ħaddiem.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob il-mobilizzazzjoni sħiħa tal-ammont annwali massimu għall-FEG sal-aħħar ta' Frar ta' kull sena. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-elementi li ġejjin, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri:

(i) l-għadd ta' applikazzjonijiet potenzjali minn kull Stat Membru kkonċernat;

(ii) is-setturi ta' attivitajiet ikkonċernati;

(iii) l-għadd stmat ta' intrapriżi li jistgħu jitolbu lill-Istati Membri japplikaw għall-assistenza tal-FEG;

(iv) l-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati jew f'riskju ta' spostament imminenti ta' impjieg.

Fl-istess waqt li tippreżenta l-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont massimu annwali lejn il-linji baġitarji rilevanti.

Meta l-ammont annwali massimu ma jkunx ġie mobilizzat skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha titlob il-mobilizzazzjoni tal-FEG għal kull applikazzjoni li tasal. Il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG għal kull applikazzjoni

għandha tinkludi l-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8(6) jew 8(a) (9), flimkien ma' sommarju tal-informazzjoni li fuqha hija bbażata dik il-valutazzjoni u r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammonti proposti. Fl-istess waqt li tippreżenta l-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 sal-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena.

5. Id-Deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. It-trasferiment baġitarju b'rabta mal-FEG għandhom isiru f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

6. Meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 4 jkunu ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni dwar il-kontribuzzjon finanzjarja. Dik id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

7. Meta l-ammont annwali massimu jkun ġie mobilizzat skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill immedjatament mal-adozzjoni ta' kull deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja."

Or. en

Emenda 131
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 4 jkunu ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni dwar ***il-kontribuzzjon*** finanzjarja. Dik id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.	6. Meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 4 jkunu ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni dwar ***il-kontribuzzjoni*** finanzjarja***. Qabel ma tadotta tali deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-raġunament tagħha għal valutazzjoni pożittiva f'konformità mal-Artikolu 8(6) jew l-Artikolu 8(a)(9).*** Dik id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

Or. en

Emenda 132
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta l-ammont annwali massimu jkun ġie mobilizzat skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill immedjatament mal-adozzjoni ta' kull deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.	7. Meta l-ammont annwali massimu jkun ġie mobilizzat skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill immedjatament mal-adozzjoni ta' kull deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevokaw deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni sħiħa tal-ammont annwali massimu għall-FEG fi kwalunkwe ħin. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-mobilizzazzjoni tal-FEG se terġa' lura fuq il-bażi ta' kull applikazzjoni riċevuta."***

Or. en

Emenda 133
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 16	
Fondi insuffiċjenti	
Jekk l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jifdal disponibbli fil-FEG ma jkunuxsuffiċjenti biex ikopru l-ammont ta' assistenza li hija meħtieġa għal kontribuzzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni tista' tipposponi l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja sakemm l-approprjazzjonijiet ta' impenn ikunu disponibbli fis-sena ta' wara. Il-limitu baġitarju massimu annwali tal-FEG għandu jiġi rispettat fiċ-ċirkostanzi kollha."	

Or. en

Emenda 134
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-pagament ta' prefinanzjament tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat	6. Fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-pagament ta' prefinanzjament tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat

għandu jagħmel disponibbli għall-intrapriża kkonċernata dik il-parti tal-pagament ta' prefinanzjament relatata mal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri implimentati mill-intrapriża. L-Istat Membru għandu jżomm il-parti tal-prefinanzjament relatata mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(5).;	għandu jagħmel disponibbli għall-intrapriża kkonċernata dik il-parti tal-pagament ta' prefinanzjament relatata mal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri implimentati mill-intrapriża. L-Istat Membru għandu jżomm il-parti tal-prefinanzjament relatata mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(5). ***Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jeħtiġilhom ikunu infurmati fl-istadji kollha tat-trasferiment tal-fondi lill-intrapriża u jeħtiġilhom ikunu jistgħu jiskrutinizzaw u jużaw il-veto dwar kwalunkwe użu ta' fondi li ma jippromwovix b'mod effettiv l-interessi tal-ħaddiema affettwati.;***

Or. en

Emenda 135
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każijiet fejn intrapriża tkun qed timplimenta kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-ħaddiema affettwati minn ***spostament*** imminenti ***ta' impjieg***, l-intrapriża għandha, sa tmiem is-6 xahar wara li jiskadi l-perjodu ta' implimentazzjoni, tipprovdi lill-Istat Membru kkonċernat l-informazzjoni rilevanti kollha speċifikata fil-paragrafu 1.***;***	3. F'każijiet fejn intrapriża tkun qed timplimenta kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-ħaddiema affettwati minn ***sensji*** imminenti ***tal-impjiegi***, l-intrapriża għandha, sa tmiem is-6 xahar wara li jiskadi l-perjodu ta' implimentazzjoni, tipprovdi lill-Istat Membru kkonċernat l-informazzjoni rilevanti kollha speċifikata fil-paragrafu 1. ***L-intrapriża, bl-assistenza tal-Istat Membru fejn meħtieġ, għandha tipprovdi wkoll l-informazzjoni li ġejja:*** ***(a) il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG li jibqgħu impjegati tal-intrapriża u deskrizzjoni qasira tal-bidliet fir-rwol tagħhom sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni;*** ***(b) il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG li ma għadhomx impjegati tal-intrapriża u l-perċentwal ta' dawk li bdew***

impjieg ġdid jew impjieg indipendenti sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni;

(c) il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG li kisbu kwalifika sa sitt xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.";

Or. en

Emenda 136
Sérgio Humberto

Proposta għal regolament
Artikolu 1.º– paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	2a. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri speċifiċi ta' simplifikazzjoni amministrattiva, inkluż permezz ta' formoli simplifikati, punti ta' kuntatt lokali u appoġġ tekniku għall-MSMEs li jkunu għaddejjin minn ristrutturar li jitolbu assistenza fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Or. pt

Emenda 137
Sérgio Humberto

Proposta għal regolament
Artikolu 1º – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull	4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull

perjodu ta’ implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet. F’każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f’evalwazzjonijiet futuri.	perjodu ta’ implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet. F’każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f’evalwazzjonijiet futuri. ***Ir-riżultati aggregati tal-istħarriġ għandhom jiġu sottomessi lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri u jintużaw biex jittejbu l-programmi ta’ taħriġ mill-ġdid u ta’ riintegrazzjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew.***

Or. pt

Emenda 138
Marie-Pierre Vedrenne, Valérie Devaux, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull perjodu ta’ implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun	4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull perjodu ta’ implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun

intbagħtet. F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri.	intbagħtet. F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri***, filwaqt li tibgħat mill-inqas tfakkira waħda u tinforma lill-Istat Membru dwar id-distribuzzjoni u t-tfakkira mibgħuta***. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri.

Or. en

Emenda 139
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull perjodu ta' implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet. F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-	4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull perjodu ta' implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet. F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema ***u r-rappreżentanti tagħhom*** li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom

Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri.	jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri.

Or. en

Emenda 140
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 23 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 23a jiżdied il-paragrafu 6a ġdid:
	(6a) Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 7a li jistabbilixxi standards ta' rapportar għal pjanijiet ta' tranżizzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li tqis il-parir tekniku tal-EFRAG. Dawn l-istandards għandhom ikunu proporzjonati għad-daqs u t-tip tal-kumpaniji. Il-Kummissjoni se tiddedika riżorsi u tistabbilixxi Help Desk Uniku biex tgħin lill-Istati Membri u lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs fl-implimentazzjoni tal-linji gwida fil-proċessi ta' applikazzjoni.

Or. en

Emenda 141
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marc Angel, Marianne Vind, Romana Jerković

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid) Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 23 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 23a jiżdied il-paragrafu 6a ġdid li ġej:
	(6a) Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 7a li jistabbilixxi standards ta' rapportar għal pjanijiet ta' tranżizzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li tqis il-parir tekniku tal-EFRAG. Dawn l-istandards għandhom ikunu proporzjonati għad-daqs u t-tip tal-intrapriżi.

Or. en

Emenda 142
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 23 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 23a jiżdied il-paragrafu 6a ġdid li ġej:
	(6a) Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 7a li jistabbilixxi standards ta' rapportar għal pjanijiet ta' tranżizzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li tqis il-parir tekniku tal-EFRAG. Dawn l-istandards għandhom ikunu proporzjonati għad-daqs u t-tip tal-kumpaniji.

Or. en

Emenda 143
Rudi Kennes

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 28a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Jiddaħħal l-Artikolu l-ġdid li ġej:	***imħassar***
“Artikolu 28a	
Miżuri tranżizzjonali	
B’deroga mill-Artikolu 15(1), il-Kummissjoni tista’ tippreżenta proposta għall-mobilizzazzjoni tal-bqija tal-ammont annwali massimu għall-2025 għall-FEG lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15, minn… [id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].”	

Or. en